MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 662/2010

**FOGG INSURANCE AGENCIES LIMITED [C-597] ghan-nom u in rapprezentana tas-socjeta estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Michael Cutajar u l-istess Michael Cutajar**

**Vs**

**Silvio ATTARD**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-17 ta’ Mejju, 2010** u li permezz taghha talbu lill-intimat ihallashom s-somma ta’ elfejn mitejn u disgha u hamsin euro u wiehed u tletin ċenteżmi ta’ euro [€2,259.31c] u dan wara li ppremettew hekk:

“1. Nhar it-12 ta’ April 2008 sehh inċident ġewwa Triq in-Nadur, Marsascala, meta l-konvenut, b’atti dolużi, jew b’negligenza, traskuraġni u/jew nuqqas ta’ osservanza tar-

regolamenti, ikkawża hsarat fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBL-956 proprjeta ta' l-attur Michael Cutajar, u assigurata mas-socjeta attriċi Fogg Insurance Agencies Limited;

2. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jiġi kkundannat illi jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn mitejn u disgha u hamsin Euro u wiehed u tletin ċenteżmu (€2259.31), rappreżentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) l-excess payment illi l-attur Michael Cutajar hallas in konnessjoni ma' dan il-kaz, u in kwantu ghas-somma ta' elfejn mitejn u erba' euro u wiehed u tletin ċenteżmu (€2204.31), id-danni kollha sofferti bhala riżultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attriċi Fogg Insurance Agencies Limited abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive.

Bl-ispejjez inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' April 2010 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra uffiċjali tas-6 ta' April 2010 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut illi jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat Silvio Attard** minnu mressqa fit-12 ta' Novembru, 2010 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar- rikorrenti:

"1. Preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar stante illi ai termini tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, Kollizzjonijiet ghandhom imorru ghal Arbitragg Mandatorju.

2. Minghajr preġudizzju, l-intimat ma hux responsabbli ghall-incident imsemmi u ghalhekk ma ghandu jhallas ebda somma lill-atturi.

3. Inoltre u ukoll minghajr preġudizzju, l-ammont mitlub huma eċċessiv u jrid jiġi ppruvat.

Ghalhekk, it-talbiet attriċi ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra s-sentenza preliminari datata 24 ta' Frar, 2012 dwar l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat u li permezz taghha, dan it-Tribunal, kif diversament kompost, cahad l-istess u ddikjara lilu nnifsu kompetenti sabiex jisma u jiddeċiedi dan il-kaz. L-ispejjez ta' dik is-sentenza kienu kontra l-intimat.

Ra l-verbal datat 30 ta' Mejju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-nota ta' riduzzjoni fl-ammont tat-talba datata 23 ta' Mejju, 2012 fejn l-ammont mitlub gie ridott ghas-somma ta' €1,764.55 (fol. 52);

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Illi permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' €2,259.31 liema somma hija dovuta lilhom in kwantu l-intimat, dejjem skond ir-rikorrenti huwa responsabbli ghal hsarat li sofrew minhabba inċident li sehh ġewwa Triq in-Nadur, Marsascala nhar it-12 ta' April, 2008. Mill-imsemmija somma ta' €2,259.31, hemm ammont ta' €55 dovut bhala excess mhallas mi-rikorrenti Michael Cutajar, filwaqt li l-ammont ta' €2,204.31 huma danni li harget is-socjeta rikorrenti in konessjoni ma l-imsemmi inċident.

2. Issa ġaladarba l-kwistjoni tal-kompetenza ġiet deċiża minn dan it-Tribunal diversament kompost, jifdal biss x'jigi deċiż il-mertu tal-kaz, fid-dawl tar-risposta ta' l-intimat.

3. Illi jirrizulta li fit-12 ta’ April, 2008 gewwa Triq in-Nadur, Marsascala ghal habta ta’ xi l-ghaxra neqsin kwart ta’ filghaxija (9.45p.m.) kien hemm iben ir-rikorrenti Mario Cutajar isuq il-vettura ta’ l-ghamla KIA Rio bil-pjanca ta’ reġistrazzjoni FBL-956 u l-intimat bil-vettura tieghu tat-tip Minibus. Il-vettura ta’ l-ghamla KIA Rio hija proprjetà tar-rikorrenti u ibnu Mario kien qieghed isuqha. Fil-vettura ma’ iben ir-rikorrenti kien hemm ukoll passiġġiera u cioe Carmen Pace li xehdet f’dawn il-proceduri fis-seduta ta’ l-14 ta’ Marzu, 2013. Hija qalet li hi u Mario Cutajar kienu gejjin mid-direzzjoni tal-bajja ta’ San Tumas sejrin lejn Wied il-Ghajn. Fit-triq li minnha kienu ghaddejjin kien hemm diversi vetturi ipparkjati fuq kull naha “*... però kien hemm spazju tajjeb biex jghaddu żewġ vetturi minn hdejn xulxin, wahda sejra f’direzzjoni u ohra sejra f’direzzjoni ohra*” (fol. 112). Tkompli tghid li dak-in-nhar li sehh l-incident kien hemm it-traffiku u ghalhekk kienu ghaddejin bil-mod. Ix-xhud stqarret li mid-direzzjoni opposta kien gej minibus u x’hin ra hekk, Mario Cutajar “... *tefa’ fil-genb biex dan il-minivan ikun jista jghaddi u meta wasal dan tal-minivan fejn il-karozza misjuqa minn Mario huwa waqaf u qallu lil Mario ‘mela t-triq hallijilek nannuk’*” (fol. 112). Ix-xhud qalet ukoll li qabel ma tfaċċa tal-minibus fit-triq kienu ghaddew diversi karozzi ohra minn hdejhom. Hija qalet ukoll li l-minibus kien jghaddi iżda Mario Cutajar kien waqaf biex dan jghaddi aktar komdu. Qalet ukoll li wara li tal-minibus waqaf hdejn il-karozza li kienet misjuqa minn Mario Cutajar, huma baqghu sejrin u “*... f’daqqa u l-hin smajna daqqa fuq il-bagoll*” (fol. 112). X’hin harset lura setat tara lix-xufier tal-minibus mal-karozza tar-rikorrenti. Hija tghid li din id-daqqa fuq il-baggol kien ghamilha l-intimat. Imbaghad l-intimat mar fuq in-naha ta’ Mario Cutajar u beda jaghtih bil-ponn. Wara marru jaghmlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

4. Mario Cutajar xehed fis-seduta tal-24 ta’ Mejju, 2012. Huwa qal li fit-12 ta’ April, 2008 huwa u t-tfajla tieghu Carmen Pace kienu qeghdin Marsascala u kien qieghed isuq vettura tat-tip KIA Rio bil-pjanca ta’ reġistrazzjoni FBL-956. L-incident, jkompli jghid ix-xhud sehh fejn ir-Re del Pesce. Huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug sabiex ma jtellifx it-traffiku u ftakar li kien

hemm vettura tat-tip Ford Transit ġejja mid-direzzjoni opposta. Huwa qal li x-xufier ta' din il-vettura teptiplu d-dawl biex ix-xhud ikun jista jghaddi. Madanakollu, x-xhud ighid li huwa baqa wieqaf l-ghaliex ma indunax li t-teptip tad-dawl kien sinjal biex huwa jghaddi. Ikompli jghid ix-xhud "*sadanittant il-van transit beda gej fid-direzzjoni tieghi u x'hin wasal hdejja tieqa ma tieqa qalli mela t-triq hallijilek nannuk fost kliem iehor ta' tifhir*" (fol. 56). Ix-xhud jammetti li huwa rrisponda ghal dan il-kliem iżda saq u baqa sejjer fid-driezzjoni li kien sejjer fiha. X'hin wasal f'tarf it-triq huwa sema' xi ghajjat "*... u smajt bhal hoss kbir fuq wara li kienet ġejja minn tisbita*" (fol. 56). Meta hares mill-meta tan-nofs, huwa seta jara lill-intimat jghati daqqa ghal darba darbtejn fuq il-bagoll tal-vettura li kien qieghed isuq u cioe l-KIA Rio. Meta ra hekk, ix-xhud ighid li huwa pprova jsuq iżda peress li kienu hergin il-karozzi minn quddiem ma setax jaghmel hekk. Sadanitant, ix-xufier tal-Ford Transit gie hdejh u beda jaghtih bil-ponn. Ix-xhud ikompli jghid li huwa pprova jahrab bil-vettura u meta ghafas il-gas, huwa baqa diehel go vettura ohra. Wara mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, mar jaghmel rapport mas-socjeta rikorrenti, hallas l-*excess* u thallas tad-danni li kien sofra minhabba dan il-kaz.

5. **Simon Paris**, *Claims Manager* tas-socjeta rikorrenti xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li r-rikorrenti kien ghamel *claim* in konessjoni ma inċident li sehh fit-12 ta' Frar, 2008 ghall-habta tad-9:45p.m. ġewwa Triq in-Nadur, Marsascala. Ir-rikorrenti kien kopert b'polza tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura tieghu bil-pjanca ta' reġistrazzjoni FBL-956. Ir-rikorrenti, jkompli jghid ix-xhud, hallas €55 bhala *excess*. Wara li saret il-*claim*, is-socjeta rikorrenti kienet inkarigat lil Walter Vella, li huwa *Registered Motor Vehicle Surveyor* sabiex ikun jista jaghmel stima tal-hsarat fil-vettura imsemmija. Fil-fatt huwa kien lesta s-Survey Report tieghu u s-socjeta rikorrenti kienet awtorizzat x-xogholijiet ta' tiswija kollha skond l-imsemmi Survey Report.

Ix-xhud kompla jghid li d-danni sofferti b'kollox kienu jammontaw ghal €1,764.55c. Minn dan l-ammont, is-socjeta rikorrenti baghtiet is-somma ta' €1,709.55c filwaqt

li r-rikorrenti Cutajar baghatha s-somma ta’ €55 bhala excess payment.

6. Xehed ukoll is-Surveyor Walter Vella li kkonferma r-rapport tieghu, kif ukoll xehed is-Surgent tal-Pulizija 329 Reuben Saliba li ppreżenta kopja ta’ l-okkorrenza.

7. L-intimat baqa ma ressaqx provi f’din il-kawza minkejja li kellhu opportunita li jaghmel dan.

8. It-Tribunal ra s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta’ Novembru, 2010 (fol. 86) u fit-12 ta’ April, 2011 (fol. 76). Fl-ewwel sentenza, Mario Cutajar li jiġi iben ir-rikorrenti kien gie liberat minn kull imputazzjoni u htija ghar-rigward ta’ l-incident li kien sehh fit-12 ta’ April, 2008 gewwa Triq in-Nadur, Marsascala filwaqt li fit-tieni sentenza, l-intimat kien ammetta l-htija tieghu u kien instab hati ta’ dan l-incident. L-intimat ammetta ukoll, fost akkużi ohra, li huwa kien ghamel hsara fuq il-vettura tar-rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

9. Illi ftit hemm xi tghid fuq dan il-kaz hlief li l-intimat ghandu jwieġeb ghal hsarat li huwa ghamel u li s-socjeta rikorrenti ghamlet tajjeb ghalihom minhabba l-incident li inqala fit-12 ta’ April, 2008 gewwa Triq in-Nadur f’Marsascala ghal habta ta’ l-ghaxra neqsin kwart ta’ filghaxija. It-Tribunal huwa konvint li l-intimat ghandu ghax jahti unikament ghal dawn il-hsarat u ghall-episodju. L-intimat baqa qatt ma ressaq provi jekk ikkontro-ezamina x-xhieda mressqa u ghalhekk it-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jaċċettax ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti.

10. L-istess haġa ghar-rigward tad-danni sofferti. It-Tribunal eżamina d-dokumentazzjoni ezebita f’dan ir-rigward u ma ghandux ghalfejn jiddubitaha. Ghalhekk l-ammont reklamat, kif ridott permezz tan-nota datata 23 ta’ Mejju, 2012 ghandu mis-sewwa u qieghed jiġi aċċettat mit-Tribunal.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta’ elf seba’ mija erbgha u sittin euro u hamsa u hamsin ċenteżmi ta’ euro (€1,764.55c) flimkien ma l-imghaxijiet fuq l-istess ammont li jibdew jiddekorru kif mitluba.

L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------